



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2017/0125(COD)**

25.1.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE

(COM(2017)0294 – C8-0180/2017 – 2017/0125(COD))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Esteban González Pons

(\*): Proċedura ta' kumitati assoċjati – l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Illum il-ġurnata, l-Ewropej qegħdin jiffaċċjaw sfida konkreta biex iżommu l-fruntieri tagħhom siguri, minħabba żieda fl-instabilità u l-kunflitti, mhux biss fil-viċinat tagħna iżda madwar id-dinja kollha. Dan għandu jkun parti minn strateġija fit-tul li tippermetti lill-UE tkun lesta tiffaċċja t-theddid ta' għada u tħares liċ-ċittadini tagħha. Bħalma wrewna avvenimenti reċenti, ma nistgħux inħallu parti minn dan il-kompitu kruċjali u strateġiku f'idejn l-alleati tagħna ta' dejjem.

It-tmexxija teknoloġika hija l-ġhodda ewlenija biex wieħed ikun attur globali b'saħħtu, iżda m'għandniex niksbu dan askapitu tal-politiki soċjali, u għalhekk għandna nħeġġu l-kooperazzjoni sabiex nimmassimizzaw l-eżitu u l-kwalità tal-investment tal-Istati Membri fid-difiża.

Kif tindika l-Kummissjoni Ewropea, hemm 178 sistema ta' armi differenti fl-UE, meta mqabbel ma' 30 fl-Istati Uniti. Hemm iktar produtturi ta' elikopters fl-Ewropa milli hemm gvernijiet li kapaċi jixtruhom. Barra minn hekk, minkejja li l-UE tonfoq in-nofs ta' dak li tonfoq l-Istati Uniti fuq id-difiża, m'għandniex nofs l-effiċjenza. Il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni huma terribbli, u huwa stmat li dan jiswa ta' kull sena bejn EUR 25 biljun u EUR 100 biljun.

Ir-rapporteur jilqa' l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bħala l-ewwel pass lejn it-titjib fil-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tal-UE tad-difiża, kif ukoll il-bidu għal tnaqqis fid-duplikazzjonijiet u n-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala. Barra minn hekk, ir-rapporteur huwa tal-fehma li, bħalma kien qed jitlob il-Parlament Ewropew, hemm bżonn ta' approprjazzjonijiet ġodda biex tiġi ffinanzjata, biex b'hekk ma jiddgħajfux il-programmi u l-prijoritajiet attwali tal-Unjoni.

Barra minn hekk, m'għandniex ninsew li r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża jistgħu wkoll iġibu magħhom benefiċċji għas-soċjetà tagħna, l-Internet, il-GPS u saħansitra n-nuċċalijiet tax-xemx fil-bidu kienu invenzjonijiet destinati li jintużaw fil-militar.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża adottat fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni impenjat ruħha li

*Emenda*

(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża adottat fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni impenjat ruħha li

tikkumplimenta, tingranaġġa u tikkonsolida l-isforzi kollaborattivi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw **kapaċitajiet** tad-difiża li **jwieġbu** għall-isfidi tas-sigurtà, kif ukoll li trawwem industrija Ewropea tad-difiża li tkun kompetittiva u innovattiva. B'mod partikolari, **dan jipproponi** li jitwaqqaf Fond Ewropew għad-Difiża biex jappoġġa l-investment fir-riċerka konġunta u l-iżvilupp konġunt tat-tagħmir u tat-teknoloġiji tad-difiża. Il-Fond se jwieżen il-koperazzjoni matul iċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp tal-prodotti u tat-teknoloġija tad-difiża.

tikkumplimenta, tingranaġġa u tikkonsolida l-isforzi kollaborattivi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw **u jiksbu l-kapaċitajiet xierqa u suffiċjenti** tad-difiża li **jippermettulha twieġeb** għall-isfidi tas-sigurtà, kif ukoll li trawwem industrija Ewropea tad-difiża li tkun kompetittiva, **trasparenti, effiċjenti** u innovattiva – **li tiżgura katina ta' provvista sostenibbli – u tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u l-indipendenza teknoloġika u industrijali tal-Unjoni**. B'mod partikolari, **din ipproponiet** li jitwaqqaf Fond Ewropew għad-Difiża **li jsaħħaħ is-sinerġiji u l-effiċjenza tal-baġit**, biex jappoġġa l-investment fir-riċerka konġunta u l-iżvilupp konġunt tat-tagħmir u tat-teknoloġiji tad-difiża. **Il-Fond jenħtieġ li jikkomplementa l-baġits nazzjonali użati għal dan il-għan, u jenħtieġ li jħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu aktar fil-qasam tad-difiża u fl-istrateġiji tad-difiża komuni tal-Unjoni**. Il-Fond se jwieżen il-koperazzjoni matul iċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp tal-prodotti u tat-teknoloġija tad-difiża.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Sabiex jingħata kontribut ħalli jitjiebu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, **għandu** jinħoloq Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"). Il-Programm **għandu l-għan li jtejjeb** il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, fosthom iċ-ċiberdifiża, billi jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi waqt il-fażi tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Il-fażi tal-iżvilupp, li tiġi wara l-fażi tar-riċerka u t-teknoloġija, tinvolvi riskji u spejjeż ġmielhom, u dawn

*Emenda*

(2) Sabiex jingħata kontribut ħalli jitjiebu l-kompetittività u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni, għandu jinħoloq Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"). Il-Programm **jenħtieġ li jimmira biex itejjeb** il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni **u jtejjeb l-indipendenza tal-Unjoni fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà**, fosthom iċ-ċiberdifiża, billi jappoġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi waqt il-fażi tal-iżvilupp tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Il-fażi tal-iżvilupp, li

ifixklu milli jsir aktar sfruttament tar-riżultati tar-riċerka u jolqtu ħażin il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Il-Programm jappoġġa l-fażi tal-iżvilupp u għalhekk jikkontribwixxi għal sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jgħin biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-produzzjoni u biex titħeġġeġ kull forma ta' innovazzjoni. Il-Programm **għandu jikkumplimenta** l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 182 tat-TFUE u ma jkoprix il-produzzjoni tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.

tiġi wara l-fażi tar-riċerka u t-teknoloġija, tinvolvi riskji u spejjeż ġmielhom, u dawn ifixklu milli jsir aktar sfruttament tar-riżultati tar-riċerka u jolqtu ħażin il-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. Il-Programm jappoġġa l-fażi tal-iżvilupp u għalhekk jikkontribwixxi għal sfruttament aħjar tar-riżultati tar-riċerka dwar id-difiża u jgħin biex jixxejjen id-distakk bejn ir-riċerka u l-produzzjoni u biex titħeġġeġ kull forma ta' innovazzjoni. Il-Programm għandu jikkumplimenta l-attivitajiet imwettqa skont l-Artikolu 182 tat-TFUE u ma jkoprix il-produzzjoni tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(4 a) Sabiex jiġi ffinanzjat il-Programm mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi allokat għal dan il-għan ammont ta' EUR 500 miljun fi prezzijiet attwali. Meta jitqies li l-Programm huwa inizjattiva ġdida li ma kinitx prevista meta ġie stabbilit il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020<sup>1a</sup>, u biex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq il-finanzjament tal-programmi pluriennali eżistenti, dak l-ammont jenħtieġ li jiġi esklużivament minn marġnijiet mhux allokat taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali u / jew permezz tal-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali rilevanti tal-QFP. L-ammont finali jenħtieġ li jkun awtorizzat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill permezz tal-proċedura baġitarja annwali.***

---

<sup>1a</sup> ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-***

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-Programm **għandu jiġu** implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>. Il-finanzjament jista' jieħu l-għamla ta' għotjiet. Meta jkun xieraq jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji jew l-akkwist pubbliku.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Il-Programm għandu l-għan li jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jtaffi r-riskju waqt il-fażi tal-iżvilupp għall-proġetti ta'

#### *Emenda*

(5) Il-Programm għandu jiġu implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>. Il-finanzjament jista' jieħu l-għamla ta' għotjiet. Meta jkun xieraq jistgħu jintużaw l-istrumenti finanzjarji jew l-akkwist pubbliku. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistudja l-possibilità li jintuża aktar il-potenzjal ta' forom alternattivi ta' finanzjament għall-għotjiet (strumenti finanzjarji u akkwisti pubbliċi), sabiex isiru sors aktar importanti ta' finanzjament għal dan il-Programm fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.***

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

#### *Emenda*

(10) Il-Programm għandu l-għan li jappoġġa l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jtaffi r-riskju waqt il-fażi tal-iżvilupp għall-proġetti ta'

koperazzjoni, l-azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' prodott jew teknoloġija tad-difiża, fosthom id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, id-disinn, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar, iċ-ċertifikazzjoni u l-istudji dwar il-fattibbiltà u miżuri oħra ta' sostenn, **għandhom ikunu** eliġibbli biex jibbenefikaw minnu. Dan se japplika wkoll għat-titjib tal-prodotti u t-teknoloġiji eżistenti tad-difiża.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Jekk xi konsorzju ta' impriżi jkun jixtieq jieħu sehem f'azzjoni eliġibbli tal-Programm, u l-ġhajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tkun se tieħu l-ġhamla ta' għotja, il-konsorzju **għandu** jaħtar wieħed mill-membri tiegħu bħala koordinatur li jkun il-punt ewlieni tal-kuntatt mal-Kummissjoni.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp teknoloġiku fl-industrija tad-difiża tal-Unjoni **għandha ssir** b'mod koerenti mal-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-kontribut tal-azzjoni għal dawk l-interessi u l-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftehma mill-Istati Membri **għandu** jservi bħala kriterju tal-ġhoti. Fl-Unjoni, il-

koperazzjoni, l-azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' prodott jew teknoloġija tad-difiża, fosthom id-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, id-disinn, il-ħolqien ta' prototipi, l-ittestjar, l-ikkwalifikar, iċ-ċertifikazzjoni, **il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali** u l-istudji dwar il-fattibbiltà u miżuri oħra ta' sostenn, **jenħtieġ li jkunu** eliġibbli biex jibbenefikaw minnu. Dan se japplika wkoll għat-titjib tal-prodotti u t-teknoloġiji eżistenti tad-difiża **żviluppata fl-Unjoni mill-Istati Membri**.

#### *Emenda*

(15) Jekk xi konsorzju ta' impriżi jkun jixtieq jieħu sehem f'azzjoni eliġibbli tal-Programm, u l-ġhajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tkun se tieħu l-ġhamla ta' għotja, **strument finanzjarju jew akkwist pubbliku**, il-konsorzju **jenħtieġ li** jaħtar wieħed mill-membri tiegħu bħala koordinatur li jkun il-punt ewlieni tal-kuntatt mal-Kummissjoni.

#### *Emenda*

(16) Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp teknoloġiku fl-industrija tad-difiża tal-Unjoni **jenħtieġ li tippermetti li jinżammu u jiġu żviluppata l-ħiliet u l-għarfien tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-awtonomija teknoloġika u industrijali tagħha. Din jenħtieġ li ssir ukoll** b'mod koerenti mal-interessi tas-sigurtà tal-

prijoritajiet komuni tal-kapaċità tad-difiża jiġu identifikati l-aktar bil-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet. Il-proċessi l-oħra tal-Unjoni, fosthom ir-Rieżami Koordinat Annwali dwar id-Difiża (CARD) u l-Koperazzjoni Strutturata Permanenti, se jwieżnu l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet rilevanti permezz ta' koperazzjoni msaħħa. Meta xieraq, jistgħu jitqiesu wkoll inizjattivi reġjonali jew internazzjonali tal-koperazzjoni, bħal fil-kuntest tan-NATO, li jservu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.

Unjoni. Għaldaqstant, il-kontribut tal-azzjoni għal dawk l-interessi u l-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftehma mill-Istati Membri **għandu** jservi bħala kriterju tal-għoti. Fl-Unjoni, il-prijoritajiet komuni tal-kapaċità tad-difiża jiġu identifikati l-aktar bil-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet. Il-proċessi l-oħra tal-Unjoni, fosthom ir-Rieżami Koordinat Annwali dwar id-Difiża (CARD) u l-Koperazzjoni Strutturata Permanenti, se jwieżnu l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet rilevanti permezz ta' koperazzjoni msaħħa. Meta xieraq, jistgħu jitqiesu wkoll inizjattivi reġjonali jew internazzjonali tal-koperazzjoni, bħal fil-kuntest tan-NATO, li jservu l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 18

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet iffinanzjati se jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża, dawn **għandhom ikunu** orjentati lejn is-suq u mmexxija mid-domanda. Għalhekk, fil-kriterji tal-għoti **għandu** jitqies il-fatt li l-Istati Membri diġà impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija, possibbilment b'mod koordinat.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) **L-ghajjnuna** finanzjarja tal-Unjoni permezz tal-Programm **ma għandhiex**

##### *Emenda*

(18) Sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet iffinanzjati se jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża, dawn **jenħtieġ li jkunu** orjentati lejn is-suq u mmexxija mid-domanda, **inkluż għat-teknoloġiji b'użu doppju**. Għalhekk, fil-kriterji tal-għoti **għandu** jitqies il-fatt li l-Istati Membri diġà impenjaw ruħhom biex flimkien jipproduċu u jakkwistaw il-prodott finali jew it-teknoloġija, possibbilment b'mod koordinat.

##### *Emenda*

(19) **Jenħtieġ li lL-ghajjnuna** finanzjarja tal-Unjoni permezz tal-Programm **ma**



*taqbeż* l-20% tal-ispiża *eliġibbli* totali *tal-azzjoni f'dak li għandu x'jaqsam* mal-*ħolqien tal-prototipi li ħafna drabi tkun l-akbar spiża waqt il-fażi tal-iżvilupp*. Iżda għall-bqija tal-azzjonijiet l-oħra fil-fażi tal-iżvilupp, *għandhom ikunu* koperti l-ispejjeż kollha eliġibbli.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Billi l-appoġġ tal-Unjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tas-settur u jikkonċerna biss il-fażi speċifika tal-iżvilupp, il-Kummissjoni *ma għandux ikollha* sjieda jew drittijiet tal-proprjeta intellettwali fuq il-prodotti jew it-teknoloġiji li jinħolqu bl-azzjonijiet iffinażjati. L-iskema tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali applikabbli se tiġi definita b'kuntratt mill-benefiċjarji.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Il-Kummissjoni *għandha* tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali b'konformità mal-għanijiet tal-Programm. Il-Kummissjoni *għandha* tingħata l-għajnuna minn Kumitat tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tal-Programm") biex tistabbilixxi dan il-programm ta' ħidma. Fid-dawl tal-politika tal-Unjoni dwar l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bħala element ewlieni biex ikunu żgurati t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-*ħolqien tal-impjiegi u l-integrazzjoni*

*taqbiż* l-20% tal-ispiża totali *tal-azzjonijiet relatati* mal-*ħolqien tal-prototipi*. Iżda għall-bqija tal-azzjonijiet l-oħra fil-fażi tal-iżvilupp, *għandhom ikunu* koperti l-ispejjeż kollha eliġibbli.

#### *Emenda*

(20) Billi l-appoġġ tal-Unjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività tas-settur u jikkonċerna biss il-fażi speċifika tal-iżvilupp, il-Kummissjoni *ma għandux ikollha* sjieda jew drittijiet tal-proprjeta intellettwali fuq il-prodotti jew it-teknoloġiji li jinħolqu bl-azzjonijiet iffinażjati. L-iskema tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali applikabbli se tiġi definita b'kuntratt mill-benefiċjarji *skont il-liġi nazzjonali*.

#### *Emenda*

(21) Il-Kummissjoni *għandha* tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali b'konformità mal-għanijiet tal-Programm. Il-Kummissjoni *għandha* tingħata l-għajnuna minn Kumitat tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat tal-Programm") biex tistabbilixxi dan il-programm ta' ħidma. Fid-dawl tal-politika tal-Unjoni dwar l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) bħala element ewlieni biex ikunu żgurati t-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, il-*ħolqien tal-impjiegi u l-integrazzjoni*

soċjali fl-Unjoni, u fid-dawl tal-fatt li l-azzjonijiet sostnuti tipikament se jeħtieġu kollaborazzjoni transnazzjonali, hu importanti li l-programm ta' ħidma jirrifletti u *jippermettu* din il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u li għalhekk din l-azzjoni tibbenefika minn proporzjon tal-baġit totali.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

soċjali fl-Unjoni, u fid-dawl tal-fatt li l-azzjonijiet sostnuti tipikament se jeħtieġu kollaborazzjoni transnazzjonali, hu importanti li l-programm ta' ħidma jirrifletti u *jippermetti* din il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u li għalhekk din l-azzjoni *ser* tibbenefika minn proporzjon *iffissat ta' mill-inqas 20 %* tal-baġit totali.

*Emenda*

**(22a) Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew fil-Kumitat tal-Istati Membri jingħata status ta' osservatur.**

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Fi tmiem il-Programm, il-Kummissjoni *għandha* tfassal rapport ta' implimentazzjoni biex teżamina l-attivitajiet finanzjarji mil-lat ta' riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja, u meta possibbli mil-lat ta' impatt. Dan ir-rapport *għandu* janalizza wkoll il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti tal-Programm kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali.

*Emenda*

(25) Fi tmiem il-Programm, il-Kummissjoni *għandha* tfassal rapport ta' implimentazzjoni biex teżamina l-attivitajiet finanzjarji mil-lat ta' riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja, u meta possibbli mil-lat ta' impatt. Dan ir-rapport *għandu* janalizza wkoll il-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti tal-Programm kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tfassal rapport interim, li s-sejbiet tiegħu jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-koleġżlaturi fi żmien xieraq qabel l-adozzjoni finali tal-att leġiżlattiv għal tkomplija tal-programm ta' żvilupp industrijali fil-qasam tad-difiża, li jrid jiġi stabbilit fil-qafas tal-QFP li jmiss.***

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) irawwem **il-kompetittività** u **l-kapaċità** tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ waqt il-fażi tal-iżvilupp tagħhom;

*Emenda*

(a) irawwem **l-awtonomija teknoloġika** u **industrijali tal-Unjoni, kif ukoll il-kompetittività u l-kapaċità** tal-innovazzjoni tal-industrija tad-difiża **tagħha** permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ waqt il-fażi tal-iżvilupp tagħhom;

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jappoġġa u jingranaġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi, inkluż l-SMEs, waqt l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew prodotti b'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri **tal-Unjoni**;

*Emenda*

(b) jappoġġa u jingranaġġa l-koperazzjoni bejn l-impriżi, inkluż l-SMEs **u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja**, waqt l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew prodotti b'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri tal-Unjoni, **filwaqt li jippromwovi l-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu definiti speċifikazzjonijiet tekniċi komuni relatati magħhom**;

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2019-2020 hu stabbilit għal EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali.

*Emenda*

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2019-2020 hu stabbilit għal EUR 500 miljun bil-prezzijiet attwali, **li għandu jiġi esklussivament mill-marġnijiet mhux allokatati taħt il-livelli**

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-benefiċjarji għandhom ikunu impriżi stabbiliti fl-Unjoni, fejn Stati Membri u/jew iċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom sjieda ta' fuq aktar minn 50% tal-impriża u effettivament jikkontrollawha skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3), direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar. Barra minn hekk, l-infrastrutturi, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-parteciċipanti, inkluż mis-subkuntratturi u minn partijiet terzi oħra, f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm għandhom ikunu fit-territorju tal-Unjoni matul il-perjodu kollu tal-azzjoni.

#### *Emenda*

1. Il-benefiċjarji ***u s-subkuntratturi tagħhom*** għandhom ikunu impriżi stabbiliti fl-Unjoni, fejn Stati Membri u/jew iċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom sjieda ta' fuq aktar minn 50% tal-impriża u effettivament jikkontrollawha skont it-tifsira tal-Artikolu 6(3), direttament jew indirettament b'impriża intermedja waħda jew aktar. Barra minn hekk, l-infrastrutturi, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi użati mill-parteciċipanti, inkluż mis-subkuntratturi u minn partijiet terzi oħra, f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm għandhom ikunu fit-territorju tal-Unjoni matul il-perjodu kollu tal-azzjoni. ***L-użu ta' dawn l-infrastrutturi, il-faċilitajiet, l-assi u r-riżorsi ma għandu jkun sottopost għall-ebda kontroll u għall-ebda restrizzjoni min-naħa ta' Stat terz jew entità mhux tal-UE.***

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata b'għotja, il-membri ta' kwalunkwe konsorzju li jkunu jixtiequ jieħdu sehem f'azzjoni għandhom jaħtru wieħed minnhom bħala koordinatur u għandu jitniżżel fil-ftehim dwar l-għotja. Il-koordinatur għandu jkun il-punt ewlieni

#### *Emenda*

1. Meta l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata b'għotja, il-membri ta' kwalunkwe konsorzju li jkunu jixtiequ jieħdu sehem f'azzjoni għandhom jaħtru wieħed minnhom bħala koordinatur u għandu jitniżżel fil-ftehim dwar l-għotja. Il-koordinatur għandu jkun il-punt ewlieni

tal-kuntatt bejn il-membri tal-konsorzju fir-rigward tal-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti, sakemm ma jìgix speċifikat mod ieħor fil-ftehim tal-għotja, jew fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tiegħu fil-ftehim tal-għotja.

tal-kuntatt bejn il-membri tal-konsorzju fir-rigward tal-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti, sakemm ma jìgix speċifikat mod ieħor fil-ftehim tal-għotja, jew fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tiegħu fil-ftehim tal-għotja. ***L-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni tista' tieħu wkoll l-għamla ta' strument finanzjarju jew akkwist pubbliku.***

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-azzjonijiet proposti għall-finanzjament mill-Programm għandhom jiġu evalwati abbażi ta' dawn il-kriterji kumulattivi:

##### *Emenda*

L-azzjonijiet proposti għall-finanzjament mill-Programm għandhom jiġu evalwati ***fir-rigward tal-għanijiet definiti fl-Artikolu 2 u*** abbażi ta' dawn il-kriterji kumulattivi:

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) eċċellenza

##### *Emenda*

(a) eċċellenza ***teknoloġika u industrijali;***

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(ba) in-numru ta' Stati Membri involuti fil-proġetti; kif ukoll,***

## Emenda 22

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) kontribut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jissaħħu t-teknoloġiji tad-difiża li jgħinu biex jimplimentaw il-prijoritajiet tal-kapaċità ta' difiża li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża miftiehma mill-Istati Membri fl-Unjoni; kif ukoll,

*Emenda*

(c) kontribut għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni billi jissaħħu t-teknoloġiji tad-difiża li jgħinu biex jimplimentaw il-prijoritajiet tal-kapaċità ta' difiża li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża miftiehma mill-Istati Membri fl-Unjoni ***bħala parti mill-pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet jew tar-rieżami annwali kkoordinata tad-difiża***; kif ukoll,

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-vijabbiltà, l-aktar billi l-benefiċjarji juru li l-ispejjeż għall-azzjoni eliġibbli huma koperti minn mezzi oħra ta' finanzjament, bħall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri; kif ukoll

*Emenda*

(d) il-vijabbiltà, l-aktar billi l-benefiċjarji juru li l-ispejjeż għall-azzjoni eliġibbli huma koperti minn mezzi oħra ta' finanzjament, bħall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri ***jew l-użu doppju tat-teknoloġiji żviluppanti***; kif ukoll

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-programm ta' ħidma għandu jstabbilixxi fid-dettall il-kategoriji tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm;

*Emenda*

2. Il-programm ta' ħidma għandu jstabbilixxi fid-dettall il-kategoriji tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm, ***u għandu jipprovdi tal-anqas għal kategorija waħda tal-proġetti ddedikati speċifikament għall-SMEs***;

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-programm ta' ħidma għandu jiżgura li azzjonijiet li jippermettu *l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs jibbenefikaw* minn *proporzjon* tal-baġit totali.

*Emenda*

3. Il-programm ta' ħidma għandu jiżgura li azzjonijiet li jippermettu *l-kooperazzjoni bejn l-SMEs minn diversi Stati Membri jibbenefikaw* minn *tal-anqas 20 %* tal-baġit totali.

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-proposti mressqa wara s-sejħa għall-proposti għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni bl-għajjnuna ta' esperti indipendenti abbażi tal-kriterji tal-għoti fl-Artikolu 10.

*Emenda*

2. Il-proposti mressqa wara s-sejħa għall-proposti għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni bl-għajjnuna ta' esperti *nazzjonali tal-UE* indipendenti, abbażi tal-kriterji tal-għoti fl-Artikolu 10.

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn *kumitat*. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. L-Aġenzija Ewropea tad-Difiża *għandha tiġi* mistiedna bħala *osservatur*.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn *Kumitat*. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. L-Aġenzija Ewropea tad-Difiża *u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu* mistiedna bħala *osservaturi*.

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni tal-programm u tirrapporta kull sena dwar il-progress li jkun sar skont l-Artikolu 38(3)(e) tar-Regolament 966/2012. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa tal-monitoraġġ.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Biex tappoġġa aktar l-effiċjenza u l-effettività ta' azzjonijiet ta' politika futuri tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni retrospettiv u tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport – imsejjes fuq konsultazzjonijiet rilevanti mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin – għandu b'mod partikolari jevalwa l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2. Dan ir-rapport għandu janalizza wkoll il-parteciġazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti implimentat bil-Programm kif ukoll il-parteciġazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja **u tevalwa** regolarment l-implimentazzjoni tal-programm u tirrapporta kull sena dwar il-progress li jkun sar skont l-Artikolu 38(3)(e) tar-Regolament 966/2012. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa tal-monitoraġġ.

#### *Emenda*

2. Biex tappoġġa aktar l-effiċjenza u l-effettività ta' azzjonijiet ta' politika futuri tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni retrospettiv u tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport – imsejjes fuq konsultazzjonijiet rilevanti mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin – għandu b'mod partikolari jevalwa l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2. Dan ir-rapport għandu janalizza wkoll il-parteciġazzjoni transfruntiera tal-SMEs fil-proġetti implimentat bil-Programm kif ukoll il-parteciġazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur globali. ***Dan ir-rapport għandu jevalwa wkoll l-impatt fuq l-esportazzjoni tal-armi li jkunu bbenefikaw mill-Programm.***



*żvilupp industrijali fil-qasam tad-difiża, flimkien ma' finanzjament adegwat skont il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid. Qabel l-adozzjoni finali tal-att leġislativ ikkonċernat, il-koleġislaturi għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom is-sejbiet ta' rapport ta' implimentazzjoni interim li l-Kummissjoni għandha tfassal għal dan il-għan.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-Programm jiffinanzja lill-korpi li jikkonformaw mal-leġislażjoni applikabbli tal-UE u mal-istandards internazzjonali u Ewropej adottati, u, għaldaqstant, ma għandux jappoġġa proġetti taħt dan ir-Regolament li jikkontribwixxu għall-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, l-evitar tat-taxxa, il-frodi tat-taxxa u l-evaljoni tat-taxxa.*

## PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-industrija tad-difiża tal-UE
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0294 – C8-0180/2017 – 2017/0125(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.6.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 15.6.2017
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	5.10.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Esteban González Pons 14.7.2017
<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 10 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräble, Monika Hohlmeier, John Howarth, Zbigniew Kuźmiuk, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Tiemo Wölken
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Xabier Benito Ziluaga, Ivana Maletić, Stanisław Ożóg, Ivan Štefanec
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rosa Estaràs Ferragut, Heidi Hautala, Dietmar Köster, Monika Smolková

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>23</b>	<b>+</b>
ALDE	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Stanisław Ożóg
PPE	Rosa Estaràs Ferragut, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Ivana Maletić, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Ivan Štefanec, Patricija Šulin, Inese Vaidere
S&D	Eider Gardiazabal Rubial, Răzvan Popa, Manuel dos Santos, Monika Smolková, Isabelle Thomas
VERTS/ALE	Indrek Tarand

<b>10</b>	<b>-</b>
ENF	André Elissen
GUE/NGL	Xabier Benito Ziluaga, Liadh Ní Riada
NI	Eleftherios Synadinos
S&D	Jens Geier, John Howarth, Dietmar Köster, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Heidi Hautala, Monika Vana

<b>1</b>	<b>0</b>
ECR	Richard Ashworth

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni